TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Vincent u Josephine Micallef

Vs

KCL Home Centre

CCT 161/22/MM

Illum, 27 ta' Ġunju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fl-1 ta' Novembru 2022 fejn talbu s-somma ta' erba' mija u disgha u ghoxrin Ewro (€ 429), rappreżentanti prezz ta' washing machine allegatament difettuza mixtrija minghand is-socjeta' intimata.

Illi minkejja li s-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata baqgħat ma ppreżentatx risposta fl-atti u lanqas dehret tikkontesta il-kawza.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti kkonferma bil-ġurament tiegħu kif ġara l-każ u spjega li l-washing machine in kwistjoni kienet mill-ewwel difettuza. Saru diversi riparazzjonijiet fuqha u sahansitra dawn wasslu biex fl-ahhar din giet migbura mis-socjeta' intimata. Dan kollu sar fil-perjodu tal-garanzija.

Illi r-rikorrenti pprezentaw invoice flimkien ma' kopja tal-garanzija bhala prova fejn hemm indikat b'mod car il-valur tal-magna in kwistjoni.

Vincent Micallef ikkonferma bil-gurament li sal-gurnata ta' llum ghadu ma kellux risposta fir-rigward tal-magna u dan minkejja trepass ta' zmien twil.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal kellu l-opportunita' li jisma' lir-rikorrenti u jinnota li huwa kien ċar fi kliemu u dan it-Tribunal ma għandux raġuni għalfejn għandu jiddubita dak li jingħad minnu bil-ġurament tiegħu.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqgħa it-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' erba' mija u disgha u ghoxrin Ewro (€ 429) fi zmien gimgha mill-llum.

Bl-ispejjeż kontra s-socjeta' intimata.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru